**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Marzu, 2017**

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**
**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Glen Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Glen Borg detentur tal-karta tal-identita' numru 281675(M)

Akkuzat talli nhar l-24 ta' Marzu, 2011, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00), bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa garaxx numru 6 f' entratura numru 5, sitwata fi Triq Luigi Ellul, Attard, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt,

liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37) u ghad-dannu ta' Antoine Attard u Brian Cardona;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (Eur 116.47) izda mhux elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Eur 1164.69) u li saret ghad-detriment ta' Antoine Attard u Brian Cardona;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom ma jeccedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), u cioe' numri ta' registrazzjoni JBM191 u BAF832, li kienu mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f' diversi bnadi f' dawn il-Gzejjer, saq vettura bin-numru BBJ739 li ma kinitx licenzjata mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kienx b' polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 10 ta' Settembru, 2014 (esebita a fol. 269 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 267, 278(1)(2), 279(b) u 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 17, 20, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali maghmula mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw attentat ta' serq li sar fl-24 ta' Marzu 2011 ghall-habta tas-2.00pm minn gewwa garaxx numru 6 f' entratura numru 5 sitwat fi Triq Luigi Ellul, H' Attard kif ukoll ricettazzjoni

ta' pjanci ta' vetturi bin-numru tar-registrazzjoni JBM 191 u BAF 832 u sewqan ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBJ 739 minghajr polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi persuni. Fil-gurnata in dizamina PC 1606 Robert Vassallo li jghix fl-imsemmija triq innota ragel idur b' mod suspettuz fl-inhawi tal-kumpless ta' garaxxijiet fejn huwa wkoll kellu garaxx u wara li segwih rah bi gripper f' idejh qed jipprova jisgassa il-bieb tal-garaxx hawn fuq indikat u huwa ghalhekk proceda sabiex jarrestah u jitlob l-assistenza tal-Pulizija tad-distrett. Irrizulta li dan ir-ragel kien l-imputat fil-kawza odjerna u li huwa kien wasal fuq il-post b' vettura tal-marka Peugeot 106 ta' kulur blu u bin-numru tar-registrazzjoni BBJ 739 li kienet registrata f' isem certu Mario Mamo u meta saret tfittxija fl-imsemmija vettura instabu zewg pjanci ta' vetturi bin-numru tar-registrazzjoni JBM 191 u BAF 832 liema pjanci kienu nsterqu fit-8 ta' Marzu 2011 minn Triq Birbal, Hal-Balzan. Il-gripper (Dok. DZ2) li nstab fil-but tal-imputat kien ghadu miftuh u minn indagni li ghamlet il-Pulizija rrizulta li fil-garaxx fejn kien qed isir l-allegat sgass kien hemm ghodda u materjal li l-valur taghhom kien jeccedi l-hamest elef Ewro[1]. Illi inoltre il-Pulizija tad-distrett li marru fuq il-post setghu jinnutaw li l-garaxx numru 6 kellu l-lock sgassata l-gewwa u li s-cylinder tal-lock u l-katnazz kellhom xi brix.

Illi l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata fl-24 ta' Marzu 2011[2] innega li huwa kien qed jipprova jisgassa il-bieb tal-garaxx sabiex jisraq u qal li kien dahal fil-kumpless tal-garaxxijiet sabiex jaghmel l-awrina. Dwar il-vettura li kien qed isuq huwa qal li din kien sellifielu certu wiehed jismu Ronnie minn Bormla sabiex jinqeda' u kien qallu li l-vettura kienet inxurjata. Dwar il-pjanci tal-vetturi li nstabu fil-vettura tieghu l-imputat qal

[1] Vide xhieda ta' Brian Cardona a fol. 193 u d-dokument inserit a fol. 195.
[2] Stqarrija nserita a fol. 18 sa 20 tal-atti processwali.

li dawn kien sabhom dakinhar stess fit-triq ta' bejn Haz-Zebbug u H' Attard f' baskett blu fejn kien hemm ukoll pouch iswed u gakk ahmar u salib tar-roti.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Gunju 2016 fejn rega' kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija u cioe' li huwa kien sab in-number plates tal-vetturi li nstabu fil-karozza tieghu gewwa borza li ra fit-triq bejn Haz-Zebbug u H' Attard waqt li kien qed isuq u li huwa kien niezel fil-kumpless tal-garaxxijiet f' H' Attard sabiex jghaddi l-awrina. In kontro-ezami huwa qal li nstab bil-gripper f'idejh minhabba l-karburatur tal-vettura tieghu u cioe' huwa kien juzah sabiex jistartja l-vettura li ma kinitx qed taqbad bic-cavetta. L-imputat qal li PC 1606 Robert Vassallo kien qed jigdeb ghaliex huwa mhux veru rah jisgassa l-bieb tal-garaxx.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tax-xhieda ta' PC 1606 Robert Vassallo li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' April 2011 jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-imputat inqabad minn dan ix-xhud waqt li kien qed jipprova jisgassa l-lock tal-bieb tal-garaxx numru 6 li jinsab fil-kumpless ta' garaxxijiet fi Triq Luigi Ellul, H' Attard. Dan ix-xhud spjega b' mod dettaljat kif huwa ra lill-imputat idur b' mod suspettuz fl-inhawi tal-kumpless tal-garaxxijiet u mbaghad segwih fl-entratura tal-imsemmija garaxxijiet fejn rah b'xi haga tleqq f'idejh qed ibaghbas il-lock tal-garaxx numru 6. Malli rah b'xi haga tleqq f'idejh qed imiss il-lock PC 1606 waqqaf lill-imputat u dan kien pront dahhal il-gripper li kellu f'idejh fil-but.

Wara li saret tfittxija fuq il-persuna tieghu irrizulta li kellu l-gripper li gie esebit f'dawn l-atti fl-istess but. L-imputat l-ewwel qal lil PC 1606 li huwa kien dahal hemm ghaliex ried jikri garaxx u mbaghad qallu li ried jghaddi l-awrina u talbu sabiex ma jaqbadx mieghu ghaliex kellu l-problema tal-abbuz mid-droga. Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq l-imputat qed jghid li m' huwiex minnu li huwa kien qed jipprova jisgassa l-lock tal-garaxx u jghid li huwa kien waqaf hemm u dahal fil-kumpless tal-garaxxijiet ghaliex kellu bzonn jghaddi l-awrina.

Illi din il-Qorti li semghat lil PC 1606 jixhed quddiemha viva voce m' ghandha l-ebda raguni il-ghala tiddubita mill-kredibilita' ta' dan ix-xhud li spjega fid-dettall dak li ra lill-imputat jaghmel. Din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-Prosekuzzjoni li l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat dwar il-prezenza tieghu fil-kumpless tal-garaxxijiet hija wahda frivola u li ma tistax titwemmen. Illi inoltre instab il-gripper fil-but tal-imputat li kien il-haga tleqq li ra f' idejh PC 1606 u fil-vettura tal-istess imputat instabu il-pjanci tar-registrazzjoni ta' zewg vetturi li kienu gew misruqa aktar kmieni fl-istess xahar. L-ispjegazzjoni moghtija mil-imputat dwar kif huwa kien fil-pussess ta' dawn il-pjanci misruqin wkoll ghandha mill-inkredibbli u difficilment tista' titwemmen. Illi dan kollu ma jhalli l-ebda dubju li l-imputat kien qed jipprova jisgassa l-bieb tal-garaxx sabiex jidhol jisraq u li dan l-attentat ta' serq ma tkompliex minhabba xi haga kompletament indipendenti mill-volonta' tieghu u cioe' ghaliex huwa twaqqaf minn PC 1606. Illi l-anqas ma hemm dubju li l-imputat instab fil-pussess ta' oggetti li kienu gew misruqin ftit ta' zmien qabel u dan minghajr ebda spjegazzjoni accettabbli jew gustifikabbli dwar dan il-pussess.

Illi f'dawn il-proceduri permezz tax-xhieda tar-rapprezentant tat-Transport Malta Stephen Cachia li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar 2012 gie wkoll pruvat li l-vettura misjuqa mill-imputat ma kelliex licenzja u ma kinitx koperta b' polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi persuni. Fi kwalunkwe kaz l-imputat ma gab l-ebda prova li l-vettura li huwa kien qed isuq kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni fejn l-oneru tal-prova f' dan il-kaz kien fuqu a tenur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni esebiet ukoll sentenza tal-21 ta' Mejju 2008 (a fol. 250) minn fejn jirrizulta li l-imputat huwa recidiv.

Illi ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi kollha minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat oltre kull dubju dettat mir-raguni u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom.

Illi ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li mill-varji rapporti tal-Probation Officers li gew mahtura sabiex isegwu lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni provvizorju li huwa ghandu problema pjuttost akuta ta' abbuz mill-alcohol u droga u li huwa ftit li xejn gharaf juzufruwixxi mill-ghajnuna lilu moghtija sabiex jipprova jeghleb dawn il-problemi u kompla minflok jirrikorri ghall-kriminalita' sabiex jiffinanzja l-vizzji tieghu. Fic-cirkostanzi din il-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghal-Gudizzju tal-10 ta' Settembru 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b), (c), 263, 267, 278(1)(2), 279(b), 280(1)(2), 325(1)(c), 334, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-

Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jispicca jiskonta l-piena ta' tlett snin prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf mija u tletin euro u erbgha u erbghin centezmu (€1130.44c)[3] liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**MAGISTRAT**

[3] Rapport Joseph Mallia (pg 58-pg94) €1130.44c